Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 263/2018

Il-Pulizija
Spettur Colin Sheldon

Vs

Zhang Li

Illum 11 ta' Dicembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Zhang Li detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 20608A, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' Dig 8 Limited (C 76114) u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fl-1 ta' Ottubru 2016 gewwa Sesame li jinsab fi Triq it-Teatru, il-Belt Valletta, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, offriet li tipprovdi servizz lil persuna ohra u/jew esponiet ghall-bejgh oggetti waqt li kienet sprovvista minn cash register fiskali u/jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o) 81 u 82 tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Mejju, 2018, fejn il-Qorti rat l-artikli indikati cioe' partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att numru XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77 (o), 81 u 82 tal-istess Att.

Stante li jirrizultaw l-imputazzjonijiet, il-Qorti kkundannat lill-imputata ghal multa ta' €2000.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Zhang Li, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-15 ta' Gunju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanta hatja tal-ewwel tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u konsegwentement **TILLIBERAHA** minn kull htija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Zhang Li huma s-segwenti u cioe`:-

Illi **l-Ewwel Aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe' l-appellant qed jissolleva n-nullità tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet permessi;

Illi dakinhar tas-sentenza l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-qari tas-sentenza kemm iddikjarat li sabet lill-esponent hati u kkundannatu ghal multa ta' €2,000;

Fil-fatt jirrizulta li l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas biss kienet ghadha kitbet sentenza fil-mument li gie ntavolat dan l-umli appell tal-ghoti tas-sentenza. Di fatti u in sostenn ta' dan l-argument, dakinhar stess li l-gudikant sedenti ghadda ghall-gudizzju tieghu l-avukat firmatarju talab kopja tas-sentenza u minflok intbaghtitlu din il-korrispondenza hawn immarkata bhala Dok A li ma tistax titqies sentenza kemm ghaliex hemm il-mankanzi essenzjali ta' sentenza kif stabbiliti fil-ligi ai

termini tal-Art 382 tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta u anke ghaliex fil-hamsa (5) ta' Gunju l-avukat firmatarju rega' talab lill-istess impjegati addetti mal-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex ikun jista' jircievi kopja tas-sentenza u twegiba taghha permezz ta' email dakinhar stess kienet li *"l-Magt taghmel is-sentenza meta jigi intavolat ir-rikors ta' l-appell"*;

Illi din il-korrispondenza li ghaddiet bejn l-avukat firmatarju u l-impjegati addetti mal-Ewwel Onorabbli Qorti qed tigi mmarkata bhala Dok B;

Illi huwa dritt fundamentali ta' kull akkuzat jew parti fi proceduri li fis-sentenza li tinghata, ikun hemm sentenza bil-motivazzjoni u r-ragunijiet li jkunu wasslu ghall-gudizzju. Din ukoll hija rekwizit *ad validitatem* stipulat mill-istess Kodici Kriminali. Huwa car u manifest fil-kaz de quo, dawn il-motivazzjonijiet la nghataw u lanqas biss kienu jezistu fil-mument tal-qari tas-sentenza u fil-perjodu shiha li matulha l-imputat seta' jipprezenta dan l-umli appell. Aghar minn hekk hemm il-korrispondenza tal-impjegati addetti mal-Ewwel Onorabbli Qorti li qed tikkonferma li l-gudikant sedenti jghaddi biex *taghmel (tikteb) is-sentenza meta jigi intavolat ir-rikors ta' l-appell* u ghalhekk *per consequenza* is-sentenza moghtija u moqrija nhar it-30 ta' Mejju 2018 fil-konfront tal-appellant hija nulla u ma tiswiex fil-ligi kif del resto gie ritenut minn diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea Tad-Drittijiet tal-Bniedem - **<u>Papon v France</u>, <u>Ruiz Torija v Spain</u>**, **<u>Van de Hurk v Netherlands</u>**, **<u>Boldea v Romania</u>**, **<u>Hadjianastassiou v Greece</u>**, **<u>Fomin v Moldova</u>**, **<u>Salov v Ukraine</u>** u **<u>Gradinar v Moldova</u>**. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li tannulla s-sentenza tat-30 ta' Mejju 2018 fl-ismijiet premessi u terga' tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati sabiex timxi skont il-ligi u dan sabiex l-esponent ma jigix imcahhad mid-dritt tad-doppio esame. M'hemmx dubju li n-nuqqas ta' dan jikkostitwixxi ksur ta' indoli kostituzzjonali partikolarment tad-dritt ghal smigh xieraq tal-appellant protett taht l-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet tal-Bniedem;

Illi minghajr pregudizzju ghall-Ewwel Aggravju, **it-Tieni Aggravju** tal-appellant huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti u cioe' l-inamissibilità tal-proceduri fl-intier taghhom li gew redatti bil-lingwa Maltija u anke meta l-gudikant ghadda biex

jaghti l-gudizzju tieghu dan ghamlu bil-lingwa Maltija meta kien jaf li l-imputat odjern ma jifhimx bil-lingwa Maltija;

Illi **t-Tielet aggravju** jigi umilment sottomess li l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tipprova l-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u cioe' minghajr dubju dettat mir-raguni u dan qed jinghad ghar-rigward tal-akkuzi kollha fejn instabet il-htija tal-imputat u li per consequenza s-sejbien ta' htija hija unsafe and unsatisfactory.

B'kull rispett l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni sewwa ta' kull difiza mqajma mill-appellanti fit-trattazzjoni tal-kaz quddiemha, u dan huwa rifless minn dok A.

Bid-dovut rispett ghandu jinghad li meta l-Ispettur Christopher Spiteri xehed bil-gurament dan qal li tkellmu bl-Ingliz ma' certa Li Shou li qaltilhom li kienet ha taghmel l-ircevuti fiskali wara waqt li l-Ispettur Clayton Tabone qal li din Li Shou persuna qaltilhom li kellha tippancjahom iktar tard l-ircevuti fiskali. Ilkoll fix-xhieda taghhom sahqu li din Li Shou ikkomunikat maghhom bil-lingwa Ingliza u fid-depozizzjoni lkoll enfasizzaw il-punt li huma ma rawx li l-fond kien servut *b'cash register* fiskali. Dan huma jikkonfermawh bid-dokumenti li pprezentaw lill-ewwel Onorabbli Qorti. Madanakollu meta Li Shou ittellghet tixhed mill-prosekuzzjoni biex tipprova l-kaz taghha bil-gurament l-istess prosekuzzjoni ma setghetx tikkomunika mhux ghaliex din il-persuna kellha problemi kbar ta' smigh imma anke ghaliex l-istess mhux kapaci titkellem bl-Ingliz ghaliex il-komunikattiva taghha hija biss bil-lingwa Ciniza.

Oltre dan l-akkuzata giet murija u kkonfermat iz-Z reading li gie mahrug nhar it-2 ta' Ottubru 2016 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu u cioe' wara li ntemmet in-Notte Bianca u zewg Z readings ohra li nhargu qabel id-data li lkoll jikkonfermaw li mhux il-kaz li l-fond ma kienx servut minn cash register. Meta x-xhieda tal-prosekuzzjoni gew mistoqsija mid-difiza biex jikkonfermaw o meno jekk iccekkjawx il-fond kienx servut minn cash register dawn innegaw u qalu li strahu fuq dak li qalet Li Shou, li bil-gurament seta' jigi kkonfermat li ma tafx titkellem bil-lingwa Ingliza, ahseb u ara

kemm setghet tikkomunika maghhom dwar il-cash register. Li kieku l-Ispettur tad-Dipartiment riedu jaghmlu xogholhom tajjeb, l-inqas li kellhom jaghmlu huwa li jduru dawra mal-hanut halli jaraw b'ghajnejhom il-post kellux cash register fiskali jew le, li ma sarx. Oltre dan l-imputat ipprezenta l-*official log book* u l-*cash register* book li jgibu fix-xejn it-tezi tal-prosekuzzjoni.

Illi allura l-Qorti ddecidiet kontra l-imputat minkejja l-kunflitt flagranti ta' provi mressqa mill-prosekuzzjoni vis-à-vis Li Shou u n-nuqqas o meno tal-cash register.

Illi dan il-kunflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni kellu jwassal biex jinholoq dubju ragjonevoli u huwa principju rassodat illi fil-kamp kriminali l-akkuzi jridu jigu ppruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni - in dubio pro reo. Dan il-kunflitt fil-provi tal-prosekuzzjoni l-appellant itenni illi kellu jwassal biex huwa jigi assolt minn kull imputazzjoni u htija ghaliex fil-kawzi kriminali kollha - inkluz dawk relattivi ghal akkuzi relatati mal-VAT - il-punt tal-partenza ghandu jkun dejjem dak tal-prezunzjoni tal-innocenza u m'hemm l-ebda prezunzjoni li jekk persuna tressaq akkuzat b'akkuzi relatati mal-VAT allura hemm xi prezunzjoni ta' htija b'mod li allura l-oneru tal-prova jigi nvertit u huwa l-akkuzat li jrid jipprova li huwa innocenti flok vice versa.

Huwa car u manifest in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet esklussivament fuq ix-xhieda tal-ispetturi u skartat ghal kollox il-provi kollha l-ohra in atti li kienu jwasslu ghal prova li dak li qalu huma mhux biss ma kellux mis-sewwa izda huwa impossibbli.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, **ir-Raba' Aggravju** tal-appellant li qed jinghata b'mod sussidjarju jirrigwarda l-piena. Illi l-multa li l-appellanti giet immultata biex thallas hija eccessiva u sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz kif ukoll il-fedina penali netta tal-appellant.

Rat is-sentenza taghha preliminari tal-15 ta' Jannar 2019.

Semghet ix-xhieda moghtija minn **Paul Scicluna** nhar is-sebgha (7) ta' Mejju, 2019 (fol. 49) fejn kkonferma li l-*letter to prosecute* esebita fl-atti a fol. 9 datata l-1 ta' Awwissu, 2017 hija ffirmata minnu ghan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi u dan fil-

konfront tal-appellanti fil-kapacita taghha ta' Direttur tas-socjeta Dig 8 Limited. Ix-xhud ikkonferma ukoll l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni prezentata mill-appellanti fid-dipartiment nhar l-1 ta' Lulju, 2016 ghan nom tas-socjeta Dig 8 Limited u dan sabiex tinghata Vat number ghall hanut '*Food take away outlet*'. Ix-xhud ikkonferma ukoll id-dokumenti esebiti minnu mahruga mill-MFSA fejn hemm indikat li l-appellanti ghandha ir- rappresentanza guridika tas-socjeta Dig 8 Limited liema dokumenti ma gewx kontestati mid-difiza.

Semghet ix-xhieda ta' **Christoper Spiteri** mghotija nhar is-7 ta' Mejju, 2019. Spjega li huwa jahdem bhala spettur tal -VAT. Ikkonferma li fil-lejl ta' l-ewwel (1) ta' Ottubru 2016, huwa flimkien ma l-ispettur tal-VAT Clayton Tabone marru jghamlu xi spezzjonijiet ta' hwienet. Huma marru fil-hanut mgharuf bhala Sesame fi Triq It-Tejatru l-antik. Qalu li huma raw hames 'sales' li jammontw ghall hamsin euro (€50) meta ma inghatawx ricevuti fiskali. Huma avvicinaw lil min kien qed jaghmel il-biegh u li kienet qed tircievi l-hlas u din qaltilhom li ma kellhiex Cash register u lanqas ktiebfiskali ta' ricevuti tal VAT izda kienet qed tiehu nota tal-biegh li kienet qed taghmel u li kienet ser tiehu hsieb wara.

Ikkonferma li tkellem ma mara Asjana bil-Lingwa Ingliza. Mistoqsi b'liema lingwa kelmitu lura ighid li '*she tried to speak in English too*'

Jghid li s-sales girl kienet madwar bank ('stall') li kien barra mill-hanut Sesame proprju quddiemu. Qal li cash register fuq il-bank ma rax. Mitlub jara jekk jgharafx lil min kellem dakinhar jghid li ma mhux f'posizjoni li jghamel hekk.

Muri id-dokumenti B u C jghid li jgharafhom bhala il-*price list* li eleva dak innhar min fuq il-post u d-dokument 'B' hija karta miktuba minnu dwar l-allegat biegh li sar fil-presenza tieghu u li ma inharugx fiscal receipts ghalihom. Mistoqsi jekk kienx hemm haddiema ohra dakinhar madwar l-bank jghid li ma hux cert. Mistoqsi jekk tkellimx ma haddiehor fil- hanut jghid li le. Wara ghadda r rapport tieghu l-ufficcju. Mistoqsi in kontro esami jekk dahalx fil-hanut jghid li ma dahalx.

Qal li gharrafha li mhux support tbiegh minghajr *cash register* jew ktieb fiskali pero xorta halliha tkompli tbiegh u telaq 'l hemm. In kontro esami jghid ukoll li l –

persuna ma min tkellem ma tkelmitx Ingliz tajjeb. Mistoqsi jekk staqsihiex x'kienet il-kariga taghha dakinhar jghid li le kul m staqsiha kien ghal *particulars* taghha biex iharrikha.

**Clayton Tabone** xehed quddiem din il-Qorti nhar il-11 ta' Lulju, 2019 u kkonferma li jokkupa l-kariga ta' Spettur tal VAT. Ikkonferma li nhar l-ewwel ( 1) ta' Ottubru 2016, kien lejl tan -Notte Biana u li kien xoghol il-Belt u appuntu quddiem il hanut Sesame, fi Triq it- teatru l-antik u inota li kien hemm 'stall ' quddiem il hanut u kien qed isir xi biegh ta' *take away food* minn fuqu. Qal li kkonfronta lil xi persuna li kienet qeda tbiegh u din kkonfemratlu li ma kellhiex *cash register* u lanqas ktieb fiskali tal – ircevuti. Pero qaltlu li kienet qed tiehu hsieb is-sales u kienet ser tiehu kont wara. Qal li kellimha bil-linqgwa Ingliza. Mistoqsi jekk kellux diffikolta biex jikkonumika maghha jghid li ma jiftakarx pero jaf li seta jiddiskuti maghha l- kwistjoni dwar nuqqas ta' cash register u kotba fiskali. Qal li kien hemm bank quddiem il- hanut u l-biegh kien qed isir minn hemm. Mistoqsi jekk jgharafx lill-akkuzata jghid li ma jgharafhiex. Qal li hu u Chris Sptieri tkellmu maghha u din qaltilhom li kienet impjegata, tathom l karta ta' identita taghha meta giet mistoqsija u gharfithom li ma kellhiex *cash register*. Jghid li fil-hanut ma dahalx ghaliex ma setghax minhabba l-bank li kien hemm.

**Li Shuji** xehdet nhar il-15 ta Ottubru 2019 bl-ghajnuna ta' interpretu u dan ghaliex ma setghetx titkellem jew tifhem il-Lingwa Ingliza. Spjegat li dakinhar tal ewwel (1) ta' Ottubru, 2016 hija kienet qed tbiegh qudiem il- hanut Sesame. Spejgat li kienet qed tigbor ricevuti minghand il-klijenti li kienu qed ihalsu gewwa. Spjegt li kien il-lejl ta' Notte Bianca kien hemm hafna nies u ma setghetx tisma sew. Tghid li hija ghandha problema tas- smeigh ukoll ghaliex ghandha il- kancer f widnejha.

Spjegat li l-hanut hu zghir hanfa u dakinhar kienet qeda tghin fuq barra ghaliex kien hemm in-nies. Fuq il-bank kien hemm l-ikel 'on display' u ma genbu bank iehor bil-skiken friket srivet u affarijiet bhal dan. L-ikel kien qed jinzamm f'zewg 'warmers' zghar li kienu fuq il-bank. Gol-hanut kien hemm tlett minn nies u hija kienet fuq barra. Kienet ilha hemm tahdem mis-7.00p. sa l-10.00pm.

F'hin minnhom taf li mar spettur fuqha u talabha l-karta ta' identita taghha ghaliex uriha wahda pero ma kienitx taf ghalfejn riedha. Fil-hanut kien hemm persuna ohra tohrog l- ircevuti tal-Vat. Tikkonferma li ma tafx titkellem u lanqas tifhem l-Ingliz.

L-appellanti **Zhang Li** xehdet u spejgat li hija sid l-hanut Sesame u dakinhar tan Notte Bianca tas- sena 2016 kienet ilha tahdem il-gurnata kollha tidhol u tohrog mill-hanut mill-10.00 a.m sa l-ghada sas-1.00a.m. Qalet li dakinhar pero ma kienitx sajret u qadet tissorvelja dak li kien qed isir. Fl-ebda hin ma rat xi spettur u hadd ma kellimha fuq xi sales li kienu qed isiru. Qalet li safejn taf hi il-biegh gie registrat tant li kien hemm iz -Z readings eebiti fl-atti u hargu il -fiscal receipts.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-15 ta' Ottubru, 2019 meta l –partijiet irrimettew ruhhom ghall-atti processwali.

Ikkunsidrat,

Il-Qorti rat il-verbal taghha tal 11 ta' Dicembru, 2019 (fol 33) fejn l-Avukat Generali talab li z-zewg dokumenti annessi mar-rikros tal-appell tal-appellant Zhang Li jigu sfilzati minn dan il-process u dan ghaliex huma dokumenti godda u dan in ommgg mal-principju li fil-Qorti tal-Appell ma jistghux jigu esebiti dokumenti godda.

Rat dak li wiegeb l-avukat difensur li sostna li dawk iz-zewg dokumenti kienu gew esebiti proprju sabiex isahhu l-ewwel aggravju procedurali tieghu. Il Qorti esaminat il-kontenut taghhom u rat li verament gew prezentati biex jikkollobraw dak li l-appellanti qalet fl-ewwel aggravju taghha u cioe li hija ma kellhiex kopja tas-sentenza meta in effetti l-avukat difensur taghha gie biex jipprepara dan ir- rikors tal appell. Ghalhekk fl-interess tal-gustizzja li din il-Qorti trid taghmel it-talba ta' l-isfilz ta' l-Avukat Generali qed tigi michuda

Jirrizulta mill-atti u appuntu mill-email datata 30 ta' Mejju, 2018 fil- hin tal- 11.19 li l-avukat difensur tal-appellanti kien kiteb lir-rgistratur tal-Qorti, Doris Serpina fejn ghamlilha referenza ghal kaz tal-appellant u talabha kopja tas-sentenza li inghatat mill-Qorti.

Jidher li fil-5 ta' Gunju, 2018 ir-registratur tal-Qorti baghtet email lill-avukat difensur tal-appellant Dr Charlon Gouder fl-09.54 am b'kopja tal verbal tas-seduta b'referenza ghal kaz tal-appellant.

Jidher ukoll li fil-15 ta' Gunju, 2018 ghall-habta ta' 12.43 l-istess deputat regghet baghtet email ohra lill-avukat difensur tal-akkuzata fejn infurmah li l-Magistrat "*taghmel is-sentenza meta jigi intvolat rikors tal- appell'* u ghalhekk fid-dawl ta din l-email verament ir-rikorrenti ma setghax kellha kopja tas-sentenza li inghata fil-konfront taghha qabel ma intavolat l-appell taghha.

Ikkunsidrat

Jinghad fl-ewwel lok li s-sentenza li nghatat mill-Qorti skond il-verbal datat 30 ta' Mejju 2018 (fol. 3) inghatat fit-30 ta' Mejju 2019. Illi l-appellanti dak in-nhar stess iffirmat is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza (fol. 19) u ghalhekk infurmat l-Qorti bl-intensjoni taghha li tinterponi appell mis-sentenza taghha.

Illi jikkonsegwi li l-appellanti kellha zmien tnax il-jum tax-xoghol biex tintavola l-appell taghha skond l-artikolu 417 (1) tal-kodici kriminali u konsegwentment kellha zmien sas-17 ta' Gunju, 2019 biex tipprezenta r- rikors taghha. Ir- rikors tal-appellant gie intavolat fil-15 ta' Gunju 2019. Jidher minn qari tal-email mibghuta minn Doris Serpina lill-avukat ta l-appellanti li sal -15 ta' Gunju 2019 is-sentenza tal-Qorti ma kienitx ghadha miktuba u konsegwentement ghalhekk dak li gie mistqarr mill-avukat tal-appellanti li ma kellux kopja tas- sentenza f' idejh biex ikun jista jikteb ir-rikors tal- appell tieghu huwa minnu.

Illi pero jinghad li huwa inghata succint tas-sentenza permezz ta' kopja tal-verbal permezz ta' email nhar il-5 ta' Gunju 2019 ( fol. 26) fejn fuq din l-email kien hemm indikat dak kollu li sehh fl-awla min xehed, x'dokumenti gew esebiti, l-artikoli tal-ligi dwar l-akkuzi li giet akkuzata bihom l-appellanti u l-artikoli tal- ligi tal -akkuzi li instab hati taghhom u l-piena. Dawn huma l-fatti li gew riprodotti fis-sentenza esebita fl-atti a fol 17 minghajr referenza ghal min xehed u ghalhekk anke li kieku l-appellant kellu f idejgh kopja tas- sentenza kif skritta u publikata ma kienx ikollu

pregudizzju ghaliex ma hemm l-ebda informazzjoni ohra li ma kellux f'idejgh qabel ma intavola ir-rikors tal appell tieghu.

Issa l-**artikolu 377** ighid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-**artikolu 382** tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Din id-disposizzjoni tal-ligi allura ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali l-**<u>Pulizija vs Albert Bezzina</u>** 25.07.1994 intqal :

*"il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377(1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat; dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti s-sentenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak illi hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza. ........."*

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta'l-ewwel Qorti hija cara fis-sens illi hija sabet htija ghall-unika akkuza dedotta fil-konfront ta' l-appellanti. Il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex terroga il-piena ghal dan ir-reat billi ikkundannat lill-appellanti sabiex thallas multa ta' elfejn euro (€2,000). Is-sentenza esebita fl-atti hija iffirmata mill-Magistrat.

Kwindi billi l-vot tal-ligi jidher illi huwa sodisfatt, dan ma igibx in-nullita tas-sentenza impunjata billi kien bil-wisq evidenti illi abbazi tal-fatti esposti quddiem l-

Ewwel Qorti, hija kienet qed issib il-htija ghall-uniku reat li bih l-appellanti kienet giet akkuzata.

Illi huwa minnu ukoll dak li tilmenta dwaru l-appellanti illi hija kellha kull dritt tinghata il-kopja tas-sentenza li kellha tifforma parti mill-atti. Il-mument li hij tablet is-sospensjoni tal-appell kien indikattiv li xtaqet tappella u ghalhekk zgur li ma kellhiex tistenna dak iz-zmien kollu biex tinghata kopja taghha. Zgur li lahqu ghaddew mistax il-jum u kien ghad ma kellheix kopja u u dan ghaliex l-akkuzat ghandu kul dritt ikun jaf kif gie deicz il-kaz tieghu. Huwa dritt fundamentali tieghu li ikun f 'posizjoni li isegwi il process krinminali tieghu mill-bidu sa l-ahhar inkluz ghalhekk li jinghata kopja tas-sentenza bie xjintaola l-appell tieghu. Mhuwiex gust u lanqas sew li akkuzat jinghata biss kopja tal-verbal biex huwa ikun jista' jinqeda biha ghal fini biex ihejji l-appell! Dan qed jinghad ghaliex jista jghati in-nullitajiet li talvolta johorgu mis-sentenza u l-appellant ma jkunx ipprepara aggravju fuqhom fir rikors tal appell teighu f'kaz li ma jkollux kopja taghha u b'hekk jigi impoggi f'sitwazzjoni zvantaggjuza (li pero ma kienx il-kaz odjern).

Ghalhekk l-appellant ghandu dritt li jinghata kopja tas sentenza fi zmien ragonevoli qabel ma jinterponi l-appell tieghu. L-intensjoni ta' tnax il-jum legislattiv sabiex jigi intavolat appell mhux qieghed hemm sabiex il-Magistrat jitkeb s-sentenza izda qieghed hemm sabiex l-appellant ikollu iz-zmien jipprepara ir-rikors tal appell tieghu.

Izda dan in-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li ma tatx kopja tas-sentenza lill-appellant fi zmien rgonevoli ma tistghax tikkostitwixxi nullita sostanzjali tas-sentenza impunjata li hija cara fid-*decide* taghha.

Illi ghal kul min ghandu interess fis-sistema gudizzjajra nostrana fuq nota differenti din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi ghalkemm il-ligi ma tirrikjediex *ad validitatem* fil-kamp penali illi d-decizjoni tkun wahda motivata, madanakollu meta si tratta ta' akkuzi ta' natura penali fejn *addirittura* jista ikun hemm multi konsiderevoli bhal fil kaz in desamina , kull persuna li tinsab rinfaccjata bil-periklu li

jigi kundannat ihallas multa pekunjarja qawwija ghandha il-jedd tkun taf ir-raguni li wassal lill-Qorti sabiex issibha hatja tal- akkuza.

Illi fil-fehma umli ta' din il-Qorti il-motivazzjoni hija l-essenza ta' kull gudikat li ghalkemm ma hemmx ghalfejn li tkun xi wahda elaborata u tista' tkun anke skematika, specjalment fil-kawzi sommarji, madanakollu b'hekk mhux biss tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Din il-motivazzjoni ghandha tinghata minnufih mal-qari tad-decizjoni anke jekk kif inghad fi ftit kliem, izda b'tali mod illi l-persuna ikkundannata tkun tista' tifhem ir-raguni li wassal ghal dik il-kundanna u b'hekk anke tkun f'posizjoni li tkun aktar precia fl-ilment taghha fir-rikros tal-appell.

Dan kollu qed jinghad b'zieda ma l-ewwel sentenza li inghatat minn din il-Qorti nhar il-15 ta' Jannar, 2019 fejn pero ma kienx gie trattat il-fatt jekk id dokumenti annessi mar rikors promotur ghandhomx jigu sfilzati.

Dwar it-**tieni aggravju** u cioe li l-Qorti ghaddiet biex tat is- sentenza bil-Lingwa Maltija jinghad *in primis* li skond l-**artikolu 516 (1)** tal kodici Kriminali:

*516.(1) L-ilsien Malti jkun l-ilsien tal-qrati u, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Proċeduri Ġudizzjarji (Użu tal-Ilsien Ingliż) il-proċeduri kollha għandhom isiru b'dak l-ilsien.*

Jinghad li f'kaz li l-akkuzata hija barranija u ma tifhimx l-lingwa Maltija jew ikun hemm xi xhud li ma jistax jiddeponi bil-lingwa Maltija allura **s-sub inciz (2) ta l-artikolu 517** jipprovdi li :-

(2) *Meta xi persuna akkużata ma tifhimx l-ilsien li bih ikunuqed isiru l-proċeduri jew tiġi miġjuba xi xiehda, dawk il-proċedurijew xiehda għandhom jiġu interpretati lilha jew mill-qorti jew minninterpretu li jiġi mogħti lilu l-ġurament*

Naturalment f'dan l-kaz ahhari jispetta lill-avukat difensur tal-parti li jinforma li Qorti dwar dan sabiex in segwitu l-Qorti tghaddi biex tinnomina persuna idoneja biex taghmel it-traduzzjoni necessarja.

F'dan il-kaz li fl-atti quddiem l-ewwel Qorti ma jirrizultax li kien hemm xi talba maghmula mill-appellanti sabiex il-proceduri jinzammu bil-Lingwa Ingliza u lanqas sabiex ikun hemm xi interpretu ghal dak li kien qed isehh fl-awla anke waqt li kien hemm ix-xhieda jiddeponu bil-lingwa Maltija. L-akkuzata setghet ghamlet talba ai termini tal- Judicial Proceedings Act li l-proceduri jinzammu bl-Ingliz. Jinghad li l-appellanti kienet ben rappresentata minn avukat difensur li semmai kellu l obbligu li iqajjem din il-materja quddiem l-ewwel Qorti fi stadju opportun u promotur. Illi quddiem din il-Qorti saret din it-talba u l-Qorti laqghet l-istess bili tablet lix-xhieda jiddepon bil-lingwa Ingliza u nnominat interpretu biex ix-xhud Suji Li tixhed bil-lingwa Ciniza liema xhieda giet tradotta ghall-ligwa Maltija. Jinghad pero li l-partijiet ma kellhomx oggezzjoni li s-sentenza tinghata bil-Malti

Ghalhekk fid-dawl ta dak li sehh fil-Qorti ta l-appell, l-appellanti ma sofriet l-ebda pregudizzju qiddiem din il-Qorti state li regghet semghet ix-xhieda kollha mil-gdid u l-appellanti segwiet sew l-andament ta dawn il-proceduri u allura issa ma jistax jinghad li l-proceduri huma monki u ghalhekk dan it tieni aggravju qed jigi ukoll respint.

Dwar it- **tielet aggravju** u cioe li l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi u cioe minghajr dubju dettat mir- raguni din il-Qorti ghandha s- segwenti xi tghid.

Hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-

diskrezzjoni w konkluzzjoni. (ara f'dan issens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi din il-Qorti kelha l-obbligu li tesamina mill-gdid il-provi imresqa stante li ix-xhieda taghhom ma kienitx giet dattilografata. Jinghad minnufih ghalhekk li l-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti mhux necesarjament huma l-istess bhal dawk mismugha mill-ewwel Qorti. Pero jinghad li meta xehdet ix-xhud principali Shuji Li kien hemm ukoll interpretu prezenti. Jidher li fil-fatt din ix-xhud ma titkellimx wisq u lanqa tifhem wisq il-LIngwa Ingliza. Dan inghad mhux biss mill-avukat difensur tal-appellanti biss izda mix-xhud Christopher Spiteri ghaliex meta gie msitoqsi jekk ix-xhud Suji LI titkellimx bl –Ingliz wiegeb 'She tried to explain in English' . Ix-xhud Clayton Tabone li tkellem ma din ix-xhud fl-investigazzjoni tieghu dakinhar tal-incident ukoll jghid b'referenza jekk tafx l-lingwa Ingliza li ma jiftakarx jekk kellomx diffikolta biex jitkelmu maghha bil-lingwa Ingliza pero **irnexxilhom** (li fiha innifisha tindika certu diffikolta) jiddiskutu li ma kellheix cash register jew manual fiscal receipts.

Bhal f'kul kawza ohra ta' natura kriminali, il-prosekuzzjoni hija tenuta tressaq l-ahjar prova sabiex tipprova l-akkuzi taghha. F'dan il-kaz resqet liz-zewg VAT inspectors li marru fuq il-post u kkonfermaw dak li raw u lix-xhud Suji Li li tat storja differenti minnhom. L-Vat inspectors jghidu li dakinahr tan-notte Bianca raw lil Suji Li tbiegh affarijiet tal-ikel minn fuq bank quddiem il-hanut Sesame. Jghidu li kien hemm hafna niex u dan ghaliex kien il-lejl ta Notte Bianca. Jispjegaw kif fil-fatt ghal hin li damu hemm saru hames transazzjonijiet u i-xhud Suji LI ma hargitx ricevuta ghalihom. Mistoqsija jekk dahlux fil-hanut jghidu li ma dahlux u mistoqsija jekk tkelmux mal-appellanti jghidu li ma takbux ghaliha.

Min naha l-ohra ix-xhud **Suji Li** tghid li hij hadmet mal-appellanti dakinhar ghal xi tlett sieghat mis-7.00p.m sal-10.00 u kient qeda tqassam l-ikel lin-nies minn fuq bank quddiem il-hanut Sesame. Tghid li kien hemm l-ikel f'zewg warmers li kienu fuq bank u fuq bank iehor kien hem mil-friken, skieken, srievet u afarijiet kon simili.

Qalet li f'daqqa u l-hin marru fuqha ewgt irgiel u urewha l karta ta identiat taghhom u ghalhekk fehmet li talbutha l karta ta identita taghha u uriethom lilha. Tichad li hija ghmalet xi biegh bla ma kien hemm hlas fiskali daru. Tghid li l-cash register kien jinsab fil-hanut u l-klijent l-ewwl kien ihallas gewwa u wara jghaddi l-ircevuta ilha u hija tghati l-ikel lil dak li jkun. Qalet li l-Vat inspectors ma tantx tkelmu maghha ghaliex hi ma titkellimx l-lingwa Ingliza u wisq inqas tifhimha, ghandh marda f'widnejha u b''hekk lanqas bis tisma sew.

Ehdet ukoll l-appellanti **Zhang Li** li qalet li hija sid il-hanut Sesame u dakinhar tan Notte Bianca kienet xoghol gurnata shiha sas-1.00a.m ta l-ghada fil-ghodu. Qalet li kient diehla u hiega nmil-hantu tissorvelja dak li kien ghaddej. Mistoqsija jekk tkelmitx mal-Vat inspectors tghid li le u lanqas biss rathom jew gie mitkelma dwarhom. Spjegat li quddiem il-hanut taghha kien hemm bank li minn fuqu kienet qed tqassam l-ikel per oil-hlas ghall-ikel kien isisr gewwa biex ikollha sorvelja. Ikkonfermat li ix-xhud Suji LI ma titkellimx bil-lingwa Ingliza u fl-ebda hin ma qaltilha li kienu marru xi inspectors.

Ghalhekk jidher li sid il-hanut li kienet fuq il-post lanqas biss giet mitkelma dakinhar tal-allegat reat. Jidhe rukoll I l-Vat inspectors tkelmu ma persuna li ma titkellimx il-lingwa Ingliza u strahu fuq dak li allegatament raw. Jinghad pero li f'dan il-kaz molto piu meta tqis li kien hemm problema ta lingwa l-prosekuzzjoni setght harket lill-klijenti li ghamlu l-akkwist sabeix jikonemraw li ma inghatawx ricevuta. Dan qed jinghad ghaliex fl-atti hemm esebiti ricevuti fiskali.

In oltre ix-xhud **Clayton Tabone** jghid li l-kitba fuq l-karta esebita u markata bhal dok B hija tieghu u hemm hekk hemm indikat is-sales li allegatament saru mix xhud Suji Li dakinhar. Fil-fatt ighid li saru hames sales fix-xhieda tieghu u l prezz ta' kul -sale qieghed fuq il-karta dok 'B'. Ikkonferma li saru zewg sales ta' hames ( 5) eruros , zewg sales ta' hmistax-il (15) euro u sale wahda ta' ghaxar (10) euro . Jghid ukoll li id-dokument 'C' hija l- price list tal- affarijiet li kien hemm ghall-biegh. Minn esami ta' din il-lista ma jidhirx li l-affarijiet indikati ghall-biegh kellhom prezz li mhux wiehed tond izda kellu centesmi ukoll, ghalhekk mhuwiex rejali li l-biegh li allegatament sar kif rapportat mill-ufficcjalt tal Vat sar ghall –rezz indikat minnu fil-

karta dok B. Il-Qorti kienet tippretendi li kien ikun hem xi prezz ta' xi oggett partikolari jew almenu jghidu li raw lill-klijent jixtri haga partikolari u jqabluha mal-prezz indikat minnhom kif muri fil-lista esebita fl-atti . Dan pero ma sehhx.

Din il-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni ressqet l-ahjar prova biex tikkonvinci lil Qorti li fill-fatt l-appellanti ghandha tinstab hatja tal-akkuza kif addebitata fil-konfront taghha.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tal-appellanti u thassar u tikkancella s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fil-konfront taghha nhar it-30 ta' Mejju, 2018 fl-ismijiet premessi u tillibera lill-appellanti minn kull htija u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur